# LIL ĦAŻ-ŻEBBUĠ (*)

## RAĦAL TWELIDI

F'ħajjet Alla! rġajt fi ħdanek
Art xemxija fejn twelidt:
Mhux minn qalbi, o dar kennija,
Minnek darba jiena nfridt.

Qalb il-ġmiel ta' belt li tgħaxxaq,
Fit-taħdit ma' bosta ħbieb,
Inti bqajt l-egħżeż tifkira,
Int kont dejjem l-ewwel ħsieb.

Meta qatt fil-ħidma tiegħi
Kelli s-serħ u ma żurtekx?
Meta ħarġet minn ġe' qalbi
Għanja w jien ma semmejtekx?

Qed inħossha l-fewġa safja
Fuq ħaddejja tiġi u tmur;
Qed inħossha ġewwa sidri
Kollha saħħa w benna ddur,

U mal-fewġa jqum leħenkom,
Siġar qodma tal-ħarrub,
U mill-ġonna dejjem ħodor
Tiġi ħlewwa xxoqq il-qlub.

Xi żmien ħelu meta tfajjel
Kont ingħolli xi tajriet;
Jew mixħut fuq il-ħamrija
Għad-dell naqra xi ġrajjiet!

Għalhekk int ġe' belt li tgħaxxaq,
Fit-taħdit ma' bosta ħbieb,
Dejjem bqajt l-egħżeż tifkira,
Bqajtli dejjem l-oħla ħsieb....

Imma għidli, art maħbuba,
Fejn hu d-dawl ta' ħbub għajnejk?
Minn fejn ġie? xin hu? Xi jfisser
Dan id-dell ta' fuq ħaddejk?

(*) Dawn il-versi ktibthom fis-sena 1927, meta fil-btajjel tas-sajf tlajt ngħaddi xi erbat ijiem f'dan ir-raħal. Ħamsin u erbgħin sena ilu, Ħaż-Żebbuġ kien wieħed mill-aqwa ċentri tal-gżira, mħabba fix-xogħol tal-kotnina: il-lum, li dak ix-xogħol spiċċa, ir-raħal niżel, għax ma għarafx jaqbad tarf ieħor ta' sengħa fejjieda.



Kont sabiħ, ja raħal tiegħi,
Art xemxija fejn twelidt;
Kont sabiħ fir-riżq ta' nwiełek,
Meta minnek jien nfridt.

X'ħeġġa, x'għira, xi bżulija
Fost uliedek kbar u żgħar!
Hawnhekk twerden ir-raddiena,
Hinn iżarżru dawk l-utar,

U mad-daqqa tal-marżebba,
Bejn l-inħajjes taż-żebbiegħ,
Tisma' l-għanja ferriħija
Tan-nissieġa w tas-seffieħ.

Mill-irħula ta' ma' dwarek
Qtajja' qtajja' ġejja n-nies,
Trodd ix-xogħ'l u tieħu l-ħajja
Bil-ftehim, bil-ħaqq, bil-qies.

Għaliex issa ġiet is-sikta
Fuq il-ħajja tal-ħaddiem?
Għaliex meta niġi nżurek,
Ma narax indafa w sliem?

Qum mit-telqa li rebħitek,
Ġens ta' ħila, ġens ta' raj;
Għid lil ħuk, għid lill-barrani
Illi għaqlek għadu ħaj.

Ftakar, ftakar li qabilek
Qatt ma ħamel ebda xkiel;
La tinsiex illi demm tiegħek
Kien Vassalli u Dun Mikiel:

Imma ftakar illi l-għaqda
Biss iġġib il-qawwa, r-risq:
Tinqasamx fil-fehmiet tiegħek:
Għall-ANNUNA xejn m'hu wisq.

Ħaddem qalbek, ħaddem ħsiebek,
Ta' dirgħajk ħaddem l-egħruq,
Ħa' narak, kif rajtek darba,
Tiela', tiela', tiela' lfuq.

DUN KARM